"EJJEW GHANDI"
Archdiocese of Malta
65, Old Mint Street
Valletta VLT13, Malta

UFFIĊĊJU ĊENTRALI "EJJEW GĦANDI"
*(Djar tat-Tfal)*

*Il-Bidu, il-Preżent u l-Isfidi fil-Ġejjieni*

## 1. **Sfond**

1.1 Id-Djar tat-Tfal f'Malta bdew minn nies ġenerużi, ispirati mill-imħabba nisranija. Dawn xtaqu jaqsmu ż-żejjed tagħhom ma' dawk li kienu inqas ixxurtjati minnhom. L-għan tagħhom kien li joffru kenn lit-tfal li kienu jiġġerrew fit-toroq, abbandunati jew traskurati mill-familji tagħhom, jekk kellhom. Dawn it-tfal kellhom ħajjithom il-ħin kollu fit-tiġrib. Minn ħin għal ieħor huma setgħu jiġu korrotti jew setgħu jbatu ħsara mentali jew fiżika. Dawn it-tfal ġieli kienu jiġu wkoll sfruttati mill-qraba jew ġenituri biex jaqilgħu xi ħaġa żgħira tal-flus.

1.2 Kienu l-Ordnijiet Reliġjużi li daħlu b'ruħhom u b'ġisimhom biex jagħtu kenn u biex jieħdu ħsieb dawn it-tfal mitluqin. Huma raw li l-ispirtu tal-kongregazzjoni tagħhom kien jaqbel mal-ħtiġiet soċjali ta' dak iż-żmien. Il-Tieni Gwerra Dinjija ħalliet ħerba fost it-tfal u dawn id-Djar kellhom missjoni fejjieda x'joffru biex itejbu l-qagħda mwegħra ta' dawn it-tfal sfortunati.

1.3 Il-Knisja appoġġat dawn l-inizjattivi għax fihom rat il-qadi tal-missjoni evanġelika tagħha — li taqdi lill-iċken fost il-fqar u li tagħti xiehda tal-ġustizzja soċjali.

1.4 Fl-1966, l-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi waqqaf kumitat għall-Orfanatrofji Djocesani b'mandat car li "jikkoordina, jgħin u jagħti parir" lill-istituti tà Karità tal-Knisja li kienu diġa jeżistu għat-tfal fil-bżonn.

Imbagħad, ftit snin wara, dejjem għal dan il-għan, l-Arċisqof Gonzi waqqaf Kummissjoni Djoċesana u Uffiċċju Ċentrali. Hu għażel lil Monsinjur Maurice Grech bħala l-ewwel Direttur ta' dan l-uffiċċju ġdid. Minn dak iż-żmien l-Uffiċċju Ċentrali żviluppa sistemi ta' appoġġ biex jaħdmu fuq bdil ta' *policies* li jnaqqsu l-effetti ta' l-istituzzjonalizzazzjoni, li ma tantx kienet tingħata wisq importanza qabel.

llum l-istaff ta' l-Uffiċċju Ċentrali hu magħmul minn Direttur, minn Assistent Direttur, Segretarja, *Accountant*, erba' *residential social workers* u żewġ voluntiera. Madwar 10 *residential social workers* oħra ukoll jagħmlu parti minn dan it-tim. Barra dawn, 32 reliġjużi rġiel u nisa jaħdmu bħala *Housefathers* u *Housemothers* u madwar 48 persuni lajċi jaħdmu fuq bażi *full/part time* bħala *carers,* handymen u *domestics*.

L-Arċisqof Emeritu, Mons. Guzeppi Mercieca, matul is-sena 2000 approva *Policy* ġdida u aġġornata tal-Knisja biex tiżgura tmexxija aħjar li tilħaq il-ħtiġijiet ta' llum tat-tfal f'diffikultà. Kemm il-Kummissjoni u l-Uffiċċju Ċentrali ġew mogħtija isem ġdid "EJJEW GĦANDI".

Fil-preżent hemm qrib 180 tifel u tifla, li jgħixu fi 12 il-Dar (inklużi x-xelters għall-vittmi ta' vjolenza domestika). L-età tagħhom tvarja bejn 0 u 18-il sena u anke ikbar.

Bejn Jannar u Diċembru 2011 ġew riferuti madwar 140 kas fl-Uffiċċju Ċentrali.

## 2. L-iżvilupp tas-servizzi

2.1 Waħda mill-ewwel iniżjattivi li ttieħdu fid-Djar tat-Tfal kienet riforma radikali fil-ħajja fid-Djar li ma baqgħtex titfassal fuq dik ta' kunvent imma tfasslet fuq il-mudell ta' familja normali. It-tfal ma baqgħux iqumu kmieni bħal qabel, u bdew jitolbu bl-ilsien Malti u mhux b'dak barrani. L-ilbies tagħhom ma baqax uniformi u bdew jieklu aktar ikel bnin u nutrittiv sabiex l-istil ta' ħajja tkun dejjem aktar tixbaħ lil dik ta' familja. Dan il-programm ta' kura qiegħed dejjem jiġi rranġat u mtejjeb il-ħin kollu sabiex jilħaq dan l-ideal. Twaqqfu ċerti użanzi ta' dari. Ma baqgħux jittalbu l-flus f'Bieb il-Belt, jew jimxu wara t-tebut f'xi funeral, biex jaqilgħu xi ħaġa.

2.2 Bdiet ukoll tingħata importanza lill-edukazzjoni formali. L-awtoritajiet tal-Knisja ħadu ħsieb biex it-tfal li qeghdin fid-Djar tal-Knisja jkollhom id-dritt imorru fl-Iskejjel tal-Knisja.

2.3 It-tfal li jgħixu f'dawn id-Djar tal-Knisja jixirqilhom l-aħjar u l-aqwa servizz skond il-ħtiġiet fiżiċi, spiritwali u emozzjonali tagħhom. L-istaff li jaħdem fl-Uffiċċju Ċentrali u l-istaff tad-Djar infushom, kemm sorijiet kif ukoll *residential social workers*, jeħtieġu formazzjoni kontinwa. Għalhekk, fil-bidu tas-sittinijiet, saru kuntatti bejn l-Uffiċċju Ċentrali u s-*Southwark Children's Rescue Society u* l-*International Catholic Children's Bureau – ICCB* - (Geneve), u ġie mniedi programm ta' edukazzjoni kontinwa. Għall-ewwel dan il-programm kien għall-istaff ta' l-Uffiċċju Ċentrali, u wara ġie mifrux għall-istaff tad-Djar infushom, kemm għas-sorijiet, kif ukoll għar-*residential social workers* jew *care-workers.* Għal dan l-għan matul is-snin inbnew rabtiet mal-Fakultà ta' l-Istudji Socjali (Universita' ta' Malta), l-ETC u l-Moviment ta' Kana.

Programmi ta' edukazzjoni kontinwa għamlu l-istaff involut aktar konxji tal-firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tat-tfal taħt il-ħarsien tagħhom: kura għall-bżonnijiet fiżiċi, spiritwali u edukattivi tat-tfal għandhom ikunu supplimentati minn servizzi ndirizzati lejn il-ħtiġijiet emozzjonali u psikoloġiċi tat-tfal kif ukoll sabiex jiġi żgurat t-tkabbir ibbilanċjat u l-iżvilupp ta' dawn it-tfal li kienu esperjenzaw trawmi enormi kmieni fil-ħajja tagħhom. Numru ta ' korsijiet *in-house* ġew organizzati matul l-aħħar snin, fosthom:

- Teaching Catholic Doctrine and Values to distressed children
- Self Development
- Sexuality: God's Gift
- Emergency Aid
- Skills for Care Workers
- Child Abuse
- Emergency Care
- Residential Care
- Domestic Violence
- Managing Aggressive Behaviour
- Food Handling
- Food Preparation
- Standards of Care
- Data Protection Act

- Drama Therapy
- Story Telling
- Infectious Disease
- Services provided by the State and Private Agencies in support of Children in distress
- Teamwork & Methods of Discipline
- Building Better Relations between Staff, Children & Parents
- The Gospel of Charity
- Child Psychology
- Children and their Systems – Creating and Maintaining Professional Alliances, Team-Building, Listening and Communication Skills with Children and Adults, Keeping boundaries in line with our jobs
- Nursing Care
- Working with Fear, Local Law and Children
- The Child and the Law

Bil-kollaborazzjoni tas-St John Ambulance, ir-*Residential Social Workers* tad-Dar San Ġuzepp, St Venera, organizzaw Kors fil-First Aid bejn is-17 ta' Ottubru u l-21 ta' Novembru 2011. Għal dan il-kors attendew il-*care workers* u l-amministratturi kollha.

Dar Merħba Bik, flimkien ma' Dar Qalb ta' Ġesù, bejn il-15 u is-17 ta' Frar 2011, organizzat Kors bl-isem ta' "*Self Development*" li kien immexxi minn Sr Jacqueline Jones. Dar Merħba Bik fid-9 ta' Frar 2011 organizzat ukoll sessjoni *in-house* dwar "*Nutrition and Healthy Eating*" li kien immexxi minn Ms Audrey Muscat.

Is-Sinjorina Pamela Demicoli minn Dar Merħha Bik għenet fl-organizzazzjoni ta' Kors intitolat "*Mental Health Problems*". Dan il-kors li sar bejn l-20 u s-27 ta' Ottubru 2011, sar permezz tal-Kummissjoni Vjolenza Domestika li kopriet ukoll l-ispejjeż. Is-Sinjorina Doris Gauci mexxiet dan il-kors.

Dawn l-aħħar ħames snin l-istaff kollu professjonali tad-Djar (Superjuri u *Residential Social Workers*) ġew mistiedna jattendu *seminars* organizzati ghall-*Professional Staff* mid-Direzzjoni tal-Istitut għal Formazzjoni Pastorali. Dawn kienu:

- ✓ Kif il-Knisja tħares lejn il-bniedem? Viżjoni Antropoloġika.
- ✓ Il-Knisja - Komunjoni?

- ✓ L-Etika u s-Servizz.
- ✓ Għala jeżisti Alla?
- ✓ X'inħi t-tifsira spiritwali tal-qadi?
- ✓ Għaliex il-Knisja hija Knisja ta' qadi?
- ✓ X'jfisser eżattament timxi mal-'pellegrin'?
- ✓ Is-sitwazzjoni soċjali, kulturali u reliġjuża kontemporanja f'Malta;
- ✓ Is-sitwazzjoni soċjali, kulturali u reliġjuża kontemporanja f'Malta *viz-a-viz* il-familja;
- ✓ Is-sitwazzjoni socjali, kulturali u reliġjuża kontemporanja f'Malta *viz-a-viz* il-persuni emarġinati fis-soċjetà maltija.

2.4 Il-Knisja rat li t-tfal li jkunu jeħtieġu għajnuna jkunu maqbudin f'ċirku ta' faqar u telqa, u li dan iċ-ċirku seta' biss jitkisser billi min jagħti l-kenn jagħti servizz ħolistiku, fejn jiġu ttrattati l-ħtiġijiet tal-familji bi problemi li jkollu x'jaqsam magħhom l-Uffiċċju Ċentrali, u mhux il-ħtiġijiet tat-tfal biss. Għal dan il-għan ġew impjegati *social workers* imħarrġa professjonalment u ispirati mill-imħabba nisranija. Dawn is-*social workers* jistħarrġu l-każ qabel ma' xi tifel jew tifla jiddaħħlu f'xi waħda mid-Djar tat-Tfal, igħinu fix-xogħol ta' rijabilitazzjoni tal-familji, u joffru servizzi preventivi.

2.5 It-tfal *f'Residential Care* issoltu jbatu minn taqlibiet emozzjonali u jkunu fi stat ta` trawma. Ir-raġunijiet ikunu varji, imma l-iktar minħabba dawn it-tliet raġunijiet:

a. problemi serji fid-dar
b. separazzjoni mill-familja tagħhom malli jidħlu fid-Djar tat-tfal
c. diffikultajiet biex jadattaw ruħhom għall-ħajja fid-Djar tal-Knisja ma' nies barranin għal kollox f'ambjent kollu kemm hu differenti.

Il-problemi diffiċli li t-tfal iħabbtu wiċċhom magħhom id-dar qabel jidħlu l-istitut spiss ikollhom x'jaqsmu ma' abbużi fiżiċi, emozzjonali, sesswali u psikoloġiċi, ma' mard serju, ma' sitwazzjonijiet ta' mard mentali, il-vizzju ta' droga u/jew alkoħol, vjolenza domestika, separazzjoni tal-ġenituri, familja b'ġenitur wieħed, prostituzzjoni, abbandun, ħabs ta' xi ġenitur jew ġenituri eċċ.

Jidher ċar li dawn it-tipi ta' esperjenzi jħallu impatt fuq it-tfal u għalhekk ikun meħtieġ interventi terapewtiċi.

It-tfal li jgħaddu minn dawn l-esperjenzi tal-biża' għandhom tendenza jiżviluppaw instabbiltà emozzjonali li spiss toħroġ forma ta' rabbja kontra

- l-familji naturali tagħhom,
- is-soċjeta kollha b'mod ġenerali,
- l-istitut fejn qegħdin jieħdu l-kura u
- l-persuni l-oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni tagħhom.

Sabiex iħarsu lilhom infushom minn aktar tbatija huma spiss jippruvaw joħolqu aktar tbatija lil oħrajn u joħolqu ċirku vizzjuż fejn huma jimxu fuq l-istess passi tal-ġenituri tagħhom billi jikkupjawhom.

Dawn it-tfal jeħtieġu appoġġ b'attenzjoni kbira u bl-imħabba, kif ukoll b'ħafna paċenzja. Jeħtieġu wkoll min jifhimhom sabiex igħinuhom joħorġu minn dan iċ-ċirku vizzjuż li huma jkunu daħlu fih mingħajr ma riedu. L-għajnuna li jeħtieġu spiss teħtieġ is-servizzi ta' professjonisti — pedjatriċi, psikjatri, psikologi, *counsellors,* terapisti tal-familja, u terapisti oħra li jagħmlu użu minn terapiji oħra bħad-drama, il-mużika, il-ġimm, il-buffu u l-*animal farm therapy*, eċċ.

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet qed jitwaqqfu kmamar ta' terapija f'diversi djar. Tlestew dawk ta' Dar Fra Diegu fil-Hamrun, Dar Santa Rita f'Ħal Tarxien, Dar San Guzepp f'Santa Venera, *Angela House* fi Gwardamanġa, Dar San Guzepp f' Haż-Żabbar u Dar Gesù Nazzarenu fiż-Żejtun (Programm K.I.D.S).

Spiss id-direzzjoni tal-Uffiċċju Ċentrali tfittex u tingħata appoġġ minn Aġenziji tal-Gvern bħal Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali, d-Dipartiment tas-Saħħa u l-Bord tal-Ħarsien tat-Tfal u Żgħażagħ b'ordni ta' ħarsien. Id-Djar tat-Tfal huma tassew grati lejn dawn il-persuni, li joffru dan is-servizz b'dedikazzjoni u professjonalità. Imma dan mhux biżżejjed. Għalhekk, intalab wkoll l-appoġġ finanzjarju mingħand l-HSBC *Cares for Children Fund* u l-Bord ta' Diretturi tiegħu. Il-Bank fehem bis-sħiħ l-għan tal-Uffiċċju Ċentrali u aċċetta li jidħol għall-ispejjeż ta' xi wħud mis-servizzi li qegħdin ikunu ta' benefiċċju kbir għat-tfal, bħal ma huma *individual counselling* u *support group* għat-tfal, *supervision sessions* u *support group* għall-istaff, etc. Qed ikollna l-għajnuna issa tar-Radju RTK.

2.6 *HSBC Cares for Children Fund* igħinu wkoll fl-organizzazzjoni tal-party l-kbir tal-Karnival, ħarġa fis-Sajf fil-gżira żgħira ta' Kemmuna u attivitajiet oħra ta' divertiment matul is-sena. Barra l-HSBC, joffru wkoll li jorganizzaw attivitajiet ta' divertiment ġewwa kif ukoll barra fil-beraħ lit-tfal

kollha tad-djar, il-parroċċi, kumpaniji u oħrajn is-sena kollha, speċjalment fi żmien il-Milied. Dan kollu jservi wkoll ta' terapija tajba għat-tfal basta ma jmorrux fl-eċċess.

2.7 L-Uffiċċju Ċentrali "Ejjew Għandi" jispeċjalizza f'erba' oqsma oħra ta' għajnuna: Kura Preventiva, wens lil nisa msawta, Day Centres u *fostering.*

2.8 Il-programm ta' Kura Preventiva, li dan l-aħħar sar ta' importanza kbira, joffri appoġġ kontinwu lill-familji bi problemi biex, jekk jista' jkun, l-ulied ma jkollhomx bżonn jiddaħħlu f'xi Dar tat-Tfal. Dawn il-familji jirċievu għajnuna finanzjarja u jingħataw *counselling* regolari, kif ukoll taħriġ fis-*social* u *life skills* sabiex jitgħallmu jfasslu ħajjithom u jagħżlu stil ta' ħajja li jgħinhom igħixu b'mod rispettuż u diċenti flok jagħżlu l-eħfef triq u jdaħħlu t-tfal tagħhom fid-Djar tat-Tfal.

Dan il-programm ta' Kura Preventiva jitlob ħafna riżorsi finanzjarji u personali, iżda l-isforzi u s-sagrifiċċji diġà bdew jagħtu frott. Il-membri *full-time* tad-Djar tat-Tfal jaħdmu flimkien ma' numru kbir ta' volontieri mħarrġin apposta li jagħtu għajnuna siewja ħafna biex itejbu l-ambjent tad-dar. Huma jgħallmu l-*basic skills* bħal tisjir u ħjata sempliċi, u jagħtu daqqa t'id fil-kura tat-tfal. Huma jagħmlu wkoll żjarat lil xi familji biex joffrulhom l-appoġġ li għandhom bżonn.

Kull sena, bejn 80 u 100 familja jaghmlu użu minn dan il-programm.

L-Uffiċċju Ċentrali hu grat ħafna lejn id-Direttur tar-Radju tal-Knisja R.T.K. talli kull sena jorganizza il-kampanja tal-Milied "Kampanja Familji fil-Bżonn" biex jiġbor fondi għall-programm tal-kura preventiva.

2.9 Servizz ġdid li nibet dan l-aħħar hu dak tal-*fostering,* fejn koppja tiddeċiedi flimkien mal-ġenituri naturali li ddaħħal fi ħdanha tifel jew tifla minn familja bi problemi biex tagħtiha ambjent b'saħħtu u fl-istess ħin iżżomm relazzjoni ħajja u b'saħħitha mal-ġenituri naturali, sakemm jasal il-waqt li t-tifel jew tifla li jiġu *fostered*, ikunu jistgħu jingħaqdu mal-ġenituri tagħhom id-dar u jkomplu jiżviluppaw b'saħħithom. Hemm madwar 240 tifel u tifla li qegħdin jiġu *fostered.* Hemm bżonn li ssir leġislazzjoni biex dan is-servizz jiġi regolat u imsaħħaħ.

Għandu jkun hemm *standards* dwar kif għandha tingħata l-għajnuna. Il-ġenituri li jidħlu għal *fostering* jeħtieġ ikunu mħarrġin u jsir *follow-up* bejnhom u s-*social workers,* sabiex tinħoloq *shared responsibility* bejn il-

ġenituri li daħlu għal *fostering,* it-tfal u l-ġenituri naturali. Min jidħol għar-responsabbiltà tal-*fostering* jixraqlu kull appoġġ morali u finanzjarju. Din hija missjoni sabiħa.

Fin-nofs is-snin disgħin, l-Uffiċċju Ċentrali ta s-sehem tiegħu biex eventwalment twaqqaf fi hdan l-Agenzija Appoġġ il-*Fostering Unit*. Barra minnhekk, tingħata għajnuna limitata f'dak li hu adozzjonijiet. In-numru ta' koppji Maltin li qegħdin ifittxu jadottaw tfal imwielda Malta hu ikbar minn-numru ta' tfal li qegħdin fid-Djar Residenzjali u li jistgħu jiġu adottati.

2.10 Sfida oħra tad-Djar tat-Tfal hija d-*Day Centres*, imwaqqfin biex jieħdu ħsieb it-tfal ta' dawk il-ġenituri li jħossu l-bżonn li jaħdmu *part-time* jew *full-time* biex itaffu l-qagħda finanzjarja tagħhom. Dan is-servizz jinħass li hu ta' prijorità fis-soċjetà ta' llum. Is-servizz qed jingħata fid-Dar 'San Franġisk de Paule' f'B'Kara, f'Dar 'Fra Diegu' fil-Hamrun, f'Dar 'San Ġużepp' fiż-Żejtun, f''Dar Gesu' Nazzarenu', Zejtun u f''Dar Santa Angela Merici' (Ursolini), Sliema.

Fil-preżent 50 tifel u tifla qed jagħmlu użu minn dan is-servizz.

2.11 Servizz ieħor speċjalizzat hu dak ta' wens u ħarsien lin-nisa msawwta, kemm jekk dawn ikollhom it-tfal kif ukoll jekk ma jkollhomx. L-Uffiċċju Ċentrali "Ejjew Ghandi" jaħdem id f'id mad-Dar 'Qalb ta' Ġesù', Santa Venera. L-istaff huma lajċi li jaħdmu bi ħlas flimkien ma' grupp zgħir ta' volontiera. Il-*Good Shepherd Sisters* ukoll jagħtu dan is-servizz f'Dar 'Merħba Bik', Ħal Balzan. F'din id-Dar tingħata l-ewwel għajnuna lin-nisa vittmi ta' vjolenza domestika. F'Dar Qalb ta' Ġesù tingħata t-tieni fażi ta' għajnuna. Dawn iż-żewġ xelters jipprovdu wkoll *respite services* lin-nisa msawta bit-tfal u dawk bla tfal, meta jkunu għaddejjin minn kriżijiet f'ħajjithom.

2.12 Meta t-tfajliet jilħqu t-tmintax-il sena, huma jistgħu jitolbu li jidħlu f'wieħed miż-żewġ *hostels* għat-tfajliet. Dawn il-*hostels* huma id-'Dar ta' Fatima' f'tas-Sliema u d-'Dar Gesù ta' Nażaret' fiż-Żejtun. Iridu jinħolqu xelters simili għall-ġuvintur li jagħlqu t-tmintax-il sena.

## 3. Benefatturi

Wara l-Uffiċċju Ċentrali u l-istess Djar tat-Tfal hemm ħidma ta' appoġġ għaddejja l-ħin kollu. Fil-qalba ta' dan is-servizz kollu nsibu numru sabiħ ta' benefatturi li għalkemm ma jidhrux u ma jinstemgħux, qegħdin iżommu

din il-ħidma għaddejja b'tant imħabba u dedikazzjoni. L-Uffiċċju Ċentrali japprezza d-donazzjonjiet kontinwi u sussidji li jiġu mingħand

- L-Arcidjoċesi ta' Malta
- L-Ordnijiet Reliġjużi
- L-*NGO Committee* (Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali)
- L-Awtorita' tad-Djar,
- In-*National Lotteries Good Causes Fund* (Ministeru tal-Finanzi)
- Il-*Community Chest Fund*
- *Il-Lions Mdina*
- *Ir-Round Table Malta*
- *L-APS Ban*
- *L-HSBC*
- *Il-Bank of Valletta*
- *Il-PBS Ltd*
- *Foster Clarke's Products Coy Ltd*
- *HSBC Cares for Children Fund*
- *Gasan Group of Companies*
- *Mizzi Group of Companies*
- *Demajo Group of Companies*
- *Farsons*
- *Friends of Cini Home*
- *Vodafone Children Foundation*
- *Malta Financial Services Authority*
- *Xuereb Foundation*
- *Voices Foundation*
- *Nestle Products Coy Ltd*
- *Citadel Insurance*
- *KPMG*
- *The Malta Charities Foundation*
- *Benefatturi oħra*
- *Jugs Limited*

Benefatturi oħra moħbija juru b'mod speċjali s-solidarjetà tagħhom mat-tfal u familji f'diffikultà fil-ġabra ta' Jum il-Karità.

Is-sehem ta' kull persuna hu essenzjali u imprezzabbli. Aħna l-insara qegħdin nilqgħu dawn it-tfal imweġġgħin b'għożża kbira fi ħdan il-familja tagħna, li hi l-Knisja Ommna.

F'dawn l-aħħar snin il-ħafna benefatturi għenuna sabiex sar *upgrading taz-zoni tal-logħob fuq barra* f'dawn id-djar: Angela House - Gwardamangia, Dar Qalb ta' Gesu'- Santa Venera, Dar Familja Mqaddsa - Zabbar, Dar San Ġuzepp - Zabbar, Dar Fra Diegu - Hamrun, Dar Gesu' Nazzarenu - Zejtun, Dar San Frangisk de Paule - Birkirkara, Dar Santa Tereża - Zurrieq

Bosta benefatturi għenuna sabiex kwazi f'kull dar residenzjali jkun hemm sezzjoni għall-komputers.

## 4. Kolloborazzjoni ma' entitajiet oħra

4.1 Inħolqot kollaborazzjoni ta' ħidma fejjieda bejn l-Uffiċċju Ċentrali "Ejjew Għandi" u l-Qorti tal-Familja, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, d-Dipartiment tas-Saħħa, ċ-*Child Development Assessment Unit,* l-Isptar Monte Carmeli, s-Segretarjat ghall-Iskejjel tal-Knisja, l-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xoghol u Familja , l-Kummissjoni tal-Familja, d-Dipartiment tal-*Istandards*, l-Aġenzija Appoġġ, Il-Bord għall-Ħarsien tat-Tfal u Żgħażagħ b'ordni ta' Ħarsien, l-Assoċjazzjonijiet tal-Ħaddiema Soċjali, tal-Gradwati fil-Psikoloġija u tat-Terapisti tal-Familja biex b'hekk jiġu ggarantiti l-aqwa azzjoni edukattiva u soċjali għat-tfal taħt il-kura u protezzjoni tal-Knisja.

4.2 Dan l-aħħar l-Uffiċċju Ċentrali "Ejjew Għandi" ikkollabora mal-Aġenzija Appoġġ biex tħejjew tliet protokolli fuq:

*(a)* *Foster Care*
*(b)* *Admission Policy*
*(c)* *the Admission Pack*

Dawn il-protokolli ġew iffirmati f'dawn l-aħħar sentejn.

4.3 Ma tgħaddix ġimgħa li xi hadd mir-*residential social workers* flimkien mal-Madre Superjura u l-*HouseMother* / il-House *Father* ma jattendux laqgħat fil-*Headquarters* tal-Aġenzija Appoġġ bħal ma huma *case conferences* jew *case reviews* dejjem għall-ġid tat-tfal. Dawn l-istess ħaddiema tal-Knisja jattendu regolarment laqgħat importanti għall-ġejjieni tat-tfal imsejħa mill-Bord ta' Ħarsien għal tfal u żgħażagħ b'ordni ta' ħarsien.

4.4 L-Uffiċċju Ċentrali ta l-kontribut tiegħu għal dawn ir-rapporti li gejjin:

a) *Children's Homes in Malta* – Rapport fuq il-ħidma ta' l-Uffiċċju Ċentrali u l-implikazzjonijiet għal dan l-Uffiċċju, id- Djar u proġetti li għandhom x'jaqsmu
(Diane u Jim Richards 1997)

b) *Children's Residential Homes* – deskrizzjoni tal-ħtiġiet tas-saħħa tagħhom
(Dr. Astrid Muscat Baron – 1998)

c) Il-Ħtiġijiet tat-Tfal f'Malta
(*Church – State Report – August 2000)*

d) *Residential Homes for Children in Malta* – ħarsa ġenerali
(Ms. Chiara Conti Micallef – Ottubru 2000)

e) *Standards of Care 2000*
*(Ministry for Social Policy)*

f) *Building Bridges – Networking* bejn servizzi tal-familja
*(National Family Commission – May 2002)*

g) *Child Protection – A Shared Responsibility*
(Proponimenti – Lulju 2002)

h) *The Family from the Eyes of Adolescents*
*(National Commission for the Family* – Mejju 2003)

i) *A Fair Deal*
*(A Study on Children and Young People with Very Challenging Behaviour – 2006)*

j) Models and Procedures for Residential Care (2005-2009)

k) Standards for Residential Care (2007-2009)

l) Mard Mentali u d-Djar Residenzjali (Awwissu 2011)

4.5 L-Uffiċċju Ċentrali pparteċipa f'konferenzi internazzjonali bhal:

a) *Rape; the unforgotten issue* – Dublin l-Irlanda, Ġunju 2000

b) *Childen's Rights in the Enlarged European Union* (Ljubjana – Slovenia, Brussell – Belġju Ġunju 2003)

c) *The Right to Education (BICE-Parigi Gunju 2011)*

d) *Conference on Support Services for Women victims of violence* (Council of Europe, Strasbourg, France – 6-7 December 2007).

4.6 L-Uffiċċju Ċentrali kien irrappreżentat wkoll f'dawn il-konferenzi u Seminars nazzjonali:

- Dialogue meeting with Dr. Patricia Jane Aldgate and Dr. Wendy Elizabeth Rose on "Bettering the quality of service in residential homes" (July 2000)
- Child Protection – A shared responsibility (2002)
- The Single Parent – Inclusion in Society through Employment (June 2003)
- Missing and Sexually Exploited Children - Round Table (February 2006)
- Gender Mainstreaming – The Way Forward (June 2006)
- National Conference on Quality Children's Programmes (June – 2006)
- *Progett Innocenti* (K.I.D.'S) (September 2006)
- Domestic Violence Law Seminar (November 2006)
- Transition from Primary to Secondary Education: Time to break the mould? (November 2006)
- Consultation on the Code of Practice and Conduct for Social Service Workers and their Employers (November 2006)
- Object Relations (November 2006)
- The Therapeutic Relationship in Systemic Family Therapy (March 2007)

- Holding Safely (April 2007)

- Preventing social exclusion of children and young people in Europe: Participation and early intervention - EUROCHILD ANNUAL CONFERENCE (November 2007)

- The International Foster Carers' Organisation in collaboration with the Foundation for Social Welfare Services and the National Foster Care Association of Malta-European Regional Training Seminar (18-21 November 2007)

- The Integration of Asylum Seekers in Maltese Society (Intercontinental Hotel-St.Julians' September 2008)

- The Sustainable Integration and Operation of Government/Church placements (New Dolmen Hotel-July 2009).

- Conferences on 'Poverty and Social Exclusion 2010'

- Bix-xogħol ninvestu f'Soċjeta b'Saħħita Għalik - Segretarjat Parlamentari ghal Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali Konsultazzjoni Pubblika (11 March, 2011)

- Benefiċċji tal-Attivitajiet ta' wara l-Iskola, Djalogu Pubbliku - Konferederazzjoni tal-Għaqdiet tan-Nisa Maltin (22 March 2011)

- Think Equal – NCPE (Dr. Romina Bartolo) (12 April 2011)

- Presentation of the Survey about Foster Care in Malta - National Foster Care Association Malta (19 April 2011)

- The EU Agenda for the Rights of the Child – MEUSAC (28 April 2011)

- Tfal, Kriminalità, Ġustizzja - Fondazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl (6 May 2011)

- Roles and Processes in Child Protection (Mr. James Blewett) (30 May 2011)

- Child Protection Services & Children & the Courts – APPOGG (20 / 22 June 2011)

- Consultation Seminar-Research on Looked After Children - The Office of the Commissioner for Children (5 July 2011)

- Symposium on Good Practices in Gender Mainstreaming – NCPE (26 July 2011)

- Freeing Children for Adoption (September 2011)

- Strengthening & Encouraging Volunteering - Reaching out to a Wider Society EU Flagship Project European for Volunteering 2011 (23 September 2011)

- A symposium on Multiple Discrimination – NCPE (1 November 2011)

- Family-Work Balance & Parenting - Malta Unborn Child Movement (11 November 2011)
- Where Next for Equality – NCPE (14 December 2011)

4.7 Id-Direttur jirrappreżenta l-Uffiċċju Ċentrali "Ejjew Għandi"

- fil-laqgħat annwali tal-*International Catholic Children Bureau,*
- fil-laqgħat tad-Delegati ta' l-Arcisqof,
- fil-laqgħat tas-Segretarjat Ħidma Soċjali u ta' Karità u
- fil-ħidma tal-moviment malti *"Gift of Life"*.

Dawn l-aħħar sentejn flimkien mal-istaff tiegħu hu ħa sehem attiv fid-diversi laqgħat li saru biex thejjew hames rapporti importanti:

1) ***A Fair Deal*** (Studju fuq tfal li joffru mġieba serja ħafna);
2) **Għal Tmexxija aħjar** fid-Djar Residenzjali u fiċ-Ċentri ta' matul il-jum;
3) ***Standards In Residential and Day-Care for children and young persons;***
4) **Is-Saħħa Mentali u t-tfal fid-djar residenzjali;**
5) **Il-Knisja f'Malta u d-Djar Residenzjali.**

4.8 Id-Direttur jirrappreżenta lill-Uffiċċju Ċentrali fil-laqgħat tad-Delegati tal-Arċisqof ta' Malta.

4.9 Barra minn hekk l-Uffiċċju Ċentrali huwa membru tal-MAFT-SP (*Maltese Association of Family Therapy and Systemic Practice)*, l-Fondazzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet tat-Tarbija mhux Imwielda (Azzjoni Kattolika Maltija) *u Platform for Children (Kummissarju għat-Tfal).*

4.10 L-Uffiċċju Ċentrali huwa wkoll membru assoċjat tal-*European Federation for Street Children (EFSC), Eurochild* (*Promoting the welfare and rights of children and young people)*, l-*International Social Service Secretariat (ISSS),Child Rights Information Network (CRIN), Amici dei Bambini (Italja), European Anti-Poverty Forum (EAPN), KidsRights u Child in the City*

4.11 L-Uffiċċju Ċentrali jżomm ukoll kuntatt mal-*'Catholic Children's Society'* ta' Westminster - Londra.

## 5. Newsletter

Mix-xahar ta' Ġunju 2009, *newsletter* elettronika qed tintbagħat lid-Djar kollha residenzjali kif ukoll liċ-Ċentri ta' matul il-jum. Huwa eżerċizzju utli ħafna biex kullħadd iżomm ruħu aġġornat b'dak kollu li qed jiġri madwarhom.

Tajjeb wieħed igħid ukoll li Dar San Guzepp - S.Venera u Dar Qalb ta' Gesù - Santa Venera qed joħorġu in-*newsletter* tagħhom.

## 6. Servizz iehor

Kemm l-Uffiċċju Ċentrali kif ukoll id-Djar kollha residenzjali u c-*Child-Day Care Centres* f'dawn l-aħħar snin aċċettaw studenti mis-Seminarju Maġġuri, mill-Akkademja tal-Pulizija, mill-MCAST, mill-Fakultajiet tal-Psikoloġija u tal-Ħidma Soċjali tal-Università biex jieħdu ftit esperjenza għax-xogħol ġejjieni tagħhom.

## 7. Sfidi

Waħda mill-isfidi prinċipali li qegħdin jiffaċċjaw id-Djar tat-Tfal illum hi n-nuqqas ta' staff minħabba li qegħdin jonqsu l-vokazzjonijiet reliġjużi nisa. Jekk jaħdmu aktar *care-givers* professjonali, s-salarji tagħhom jissuktaw

iżidu l-piż tar-riżorsi finanzjarji limitati tad-Djar tat-Tfal. U wieħed irid iżomm f'rasu li t-tfal li qegħdin fil-kura jeħtieġu l-aqwa servizzi mediċi, edukattivi u servizzi oħra biex ikun hemm dak is-serħan il-moħħ li l-iżbilanċ li dawn it-tfal qegħdin iġorru fihom minħabba trobbija u ambjent imħawda, jiġi b'xi mod f'postu.

L-Awtorità Ekkleżjastika, l-Gvern Malti u l-kotra tal-Maltin dejjem taw każ tal-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-fqar u dawk inqas ixxurtjati fis-soċjetà, u dejjem għinu mill-aħjar li setgħu speċjalment fil-qasam tad-Djar tat-Tfal. Il-Maltin qegħdin jagħtu xhieda ħajja u jgħixu b'mod konkret il-mandat ta' Ġesù Sidna li nwasslu l-imħabba tiegħu lill-proxxmu.

Aġġornat illum 31 ta' Dicembru, 2011

Aġġornat minn Msgr. Victor Zammit McKeon
Direttur Ġenerali

Jinstab fuq is-sit elettroniku
http://maltadiocese.org/lang/en/secretariat-commissions/diocesan-commission-ejjew-ghandi-childrens-homes